**6 ta' Novembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Pauline Agius *noe et*

*versus*

Paul Debattista

## Preskrizzjoni - Minuri - Danni

*Fir-rigward ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti ddikjarat li la darba ma ġiex espressament indikat liema artikolu tal-liġi l-konvenut kien qed jinvoka, hi ma setgħetx tikkunsidraha.*

*F'dan il-każ, li kien jirrigwarda talba għad-danni wara mewt ikkaġunata f'inċident stradali, il-Qorti rrilevat illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dika kkontemplata fl-artikolu 2154 u bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 225 u 688(d) tal-Kapitolu 9, il-preskrizzjoni hi ta' ħames snin.*

*Il-preskrizzjoni tiddekorri anke kontra l-minuri, salv id-dritt ta' rigress tal-minuri kontra l-ġenitur jew tutur.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew illi l-konvenut kien involut f'inċident tat-traffiku, liema inċident ġara fis-26 ta' April, 1987 ġewwa Vittorja, Għawdex, b'liema inċident ġiet ikkaġunata l-mewt ta' Joseph Agius żewġ l-attriċi u missier l-atturi meta dan kien qiegħed isuq il-vettura Jeep H-2800(M);

Premess illi dan l-inċident ġara minħabba negliġenza, imprudenza, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Premess illi l-atturi sofrew danni kbar minħabba din il-mewt;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku tas-26 ta' April, 1987;

Li din il-Qorti tinnomina periti biex jiġu llikwidati dawn id-danni;

Li l-konvenut jiġi kkundanat iħallas lill-atturi dak l-ammont li jiġi hekk illikwidat;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-5 ta' Diċembru, 1990 u oħra tal-15 ta' Ottubru, 1992;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa:

Illi t-talba attriċi hija preskritta *ai termini* tal-Kodiċi Ċivili;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni ma kienx dovut għan-negliġenza jew traskuraġni tal-konvenut;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

*Omissis*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Dina ċ-ċitazzjoni tikkonċerna inċident li kien ġara fis-26 ta' April, 1987 ġewwa Għawdex preċiżament ħdejn is-Silver Jubilee Sports Ground, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, f'liema inċident tilef ħajtu Joseph Agius, żewġ l-attriċi u missier l-atturi l-oħra, meta l-Jeep H-2800 kien qed jiġi misjuq mill-konvenut Paul Debattista;

Kienet saret inkjesta u anke kien tressaq il-konvenut quddiem il-Qorti t'Għawdex fuq dana l-inċident u l-atti ta' dina l-inkjesta u kumpilazzjoni jinsabu annessi ma' dina l-kawża;

L-atturi illum qed jitolbu d-danni ċivili emerġenti minn dana l-inċident;

Il-konvenut kien kontumaċi, imbagħad ġie awtorizzat jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu. Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni (bla ma semma għal liema artikolu tal-liġi hu qed jirreferi u fit-tieni lok hu eċċepixxa li ma kienx responsabbli għall-inċident;

*Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*, *l-Qorti la darba ma ġiex* espressament indikat liema artikolu tal-liġi l-konvenut qed jinvoka, hi ma tistax tikkunsidraha. (Ara sentenzi **Calleja *noe* *vs* Dr. G. Gauci Maistre** 21/11/94 Inf. GV; App. **Cali *vs* Perit G. Borg** Vol. XL p.1, p.166; App. Inf. **Micallef *vs* Micallef *et*** 16/4/94 u PA(JSP) **Agius *vs* Zammit** 5/10/93);

Fuq dana l-punt, il-Qorti tirrileva pero' li f'każ ta' danni sofferti b'konsegwenza ta' inċident stradali l-preskrizzjoni applikabbli hi dika kkontemplata fl-artikolu 2154 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 225 u 688(d) tal-Kap. 9 b'riferenza għall-każ in eżami, il-preskrizzjoni *hi* ta' *5 snin*;

Il-Qorti ma taqbilx ma' l-attur li fil-konfront tal-minuri japplika l-artikolu 2124(1). F'dan il-każ japplika l-artikolu 2159 u 2158 fis-sens li l-preskrizzjoni tiddekorri anke kontra l-minuri fil-każijiet indikati fl-artikoli 2147 sa 2157 (ara artikolu 2158) salv id-dritt ta' rigress tal-minuri kontra l-ġenituri jew tutur. (Ara *sentenza* **Agius** ***vs*** **Zammit** fuq riferita u sentenza riportata fil-Vol. 32 Pt.2 p.342);

Il-Qorti tagħmel riferenza għall-provi li nġabru fl-inkjesta u fil-kumpilazzjoni liema provi jifformaw parti integrali minn dana l-proċess;

Il-konvenut (allura dak iż-żmien kien imputat) kien xehed fil-Qorti fis-17 ta' Jannar, 1990 a fol. 355 u quddiem il-perit legali nnominat waqt l-inkjesta a fol. 233 sa 236. Il-konvenut fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu qal li hu ma kienx qed isuq bi *speed* qawwi jew b'mod traskurat u li Agius, *li kien ma' persuni* oħra fuq wara, waqa' minn fuq il-Jeep mingħajr raġuni attribwibbli lilu;

Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi kollha prodotti, tasal għall-konklużjoni li l-inċident ġara tort kemm ta' Joseph Agius kif ukoll tal-konvenut Paul Deabttista. Dan għaliex il-konvenut kellu vettura li setgħet tgħabbi żewġ persuni biss u kellha biss żewġ *seats* u minflok għabba erbgħa oħra u b'kollox kienu sitta, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku 58(a)(1). Hu ħa riskju li ebda sewwieq prudenti m'għandu jieħu. Apparti dan hu ppermetta li fil-Jeep isir briju (bħal *carcade* - dak in-nhar kien hemm *mass meeting* Għajnsielem) u jirriżulta li kollha kienu xorbu birra u nbid. Il-konvenut ma kellux il-kontrol sħiħ tal-vettura b'mod li seta' jevita perikolu għalih u għall-passiġġieri;

Min-naħa l-oħra Agius ukoll kellu tort billi hu ma kienx fi stat li jieħu kura tiegħu nnifsu minħabba x-xorb li kien ħa u b'hekk ikkontribwixxa għall-inċident. Hu ma kienx f'posizzjoni li jikkonċentra biex iżomm fuq il-Jeep il-posizzjoni prekarja li kien jinsab fiha;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort għall-inċident kien ta' Debattista u ta' Agius, f'sehem indaqs, nofs kull wieħed;

Bħala provi għat-talba tagħhom għal-likwidazzjoni tad-danni l-atturi kull ma ġabu kienu d-dokument li jindika fejn kien jaħdem Agius u elenku tal-pagi minimi nazzjonali mill-1987 sa l-1985;

Il-Qorti għalhekkk se tagħmel il-kalkoli tagħha *a bażi ta' dawk* il-provi li ġabu l-atturi;

Dwar *damnum emergens* ma hemm ebda talba;

Dwar *lucrum cessans* l-atturi qed jippretendu kalkolu a bażi ta' *minimum wage*;

Joseph Agius kellu 26 sena meta tilef ħajtu;

Fl-1987 il-*minimum wage* kienet ta' Lm30 fil-ġimgħa;

F'sena kien jieħu (52 x 30) = Lm1,560;

Il-qligħ fis-sena jkun anqas minn dak li jkun attwalment qala' d-*decujus* - bil-mewt wieħed ma jkunx irid jipprovdi għall-ħtiġijiet ta' l-istess *decujus*. (ara sentenza **Abela *vs* Prim Ministru** 30.12.94). F'dan il-każ qed jiġi kkalkolat fuq 2/3 tad-dħul annwali

tiegħu li jġib l-ammont ta' Lm1,040 (Ara sentenza **Desira** ***vs*** **Cassar** PA 13.1.95); Għal ħajja lavorattiva ta' 35 sena (eta' pensjonabbli) jġibu Lm1,040 x 35 = Lm36,400 tnaqqas 10% għal-*lump sum payment* billi l-inċident ġara fl-1987 iġib Lm32,760;

L-atturi jridu jieħdu nofs ir-responsabilita' għall-inċident għalhekk jistgħu jieħdu biss Lm16,380;

Dana l-ammont għandu jinqasam nofs (Lm8,190) għall-attriċi Pauline armla ta' Joseph Agius illum mart Mario Lia u n-nofs l-ieħor (Lm8,190) bejn iż-żewġ minuri Carl u Josefa Agius;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li l-inċident ġara tort tal-konvenut u ta' Joseph Agius; tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fl-ammont ta' Lm16,380, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont hekk illikwidat;

L-ispejjeż jitħallsu bin-nofs; bl-imgħax fuq l-ammont ikkanonizzat b'dina s-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.